MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2008

Citazzjoni Numru. 255/2008

**Pierre Terreni**

**Vs**

**Alexander sive Sandro Azzopardi**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors mahluf tal-attur li fih wara illi ippremetta illi ;

Bi skrittura tas-17 ta' Mejju, 2007 ir-rikorrent ta b'titolu ta' self is-somma ta' hamest elef sitt mija u hamsin lira maltin (Lm5,650) li kellhom jithallsu lura wara sena flimkien ma imghax miftiehem ta' erba mitt lira maltin (Lm400) b'kollox ghalhekk sitt elef u hamsin lira maltin (Lm6,050)

ekwivalenti ghal erbatax il-elf u tnejn u disghin ewro u wiehed u sebghin ewro centezimu (Lm14,092.71) ;

Illi dan l-ammont kellu jithallas lura fis-17 ta’ Mejju, 2008 ;

Illi sussegwentement  l-partijiet varjaw verbalment il-pattijiet tal-iskrittura u infatti l-intimat hareg cheque bankarju numru 001568 ghall-ammont imsemmi li kellu jsarraf fit-13 ta’ Jannar, 2008 ;

Illi meta mar biex isarraf l-imsemmi cheque bankarju dan ma giex imsarraf billi kif gie informa lir-rikorrent ma kienx hemm flus fil-kont tal-intimat ;

Illi l-intimat gie intimat verbalment diversi drabi sabiex ihallas l-ammont misluf kif pattwit izda dan baqa’ inadempjenti ;

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-Art. 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante illi l-intimat m’ghandux difiza xi jressaq kontra t-talbiet sewgenti.

Talab illi ;

Tiddeciedi t-talba bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Art 167 (1) (b) tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Proceudra Civili ;

Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrent fis-somma ta’ sitt elef u hamsin lira Maltin (Lm6,050) ekwivalenti ghal erbatax il-elf u tnejn u disghin ewro u wiehed u sebghin ewro centezimu (€14092.71);

Tikkundanna lill-intimat ihallas lir-rikorrent is-somma ta’ sitt elef u hamsin lira maltin (Lm6,050) ekwivalenti ghal erbatax il-elf u tnejn u disghin ewro u wiehed u sebghin ewro centezimu (€14092.71).

Bl-ispejjez u l-imghax mid-data tat-23 ta’ Jannar, 2008 u tal-mandat ta’ sekwestru Nru 398108 u tal-mandat ta’

Qbid Numru 398108 kontra l-intimat li huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba maghmula fir-rikors ;

Billi mill-ammissjoni tal-konvenut, it-talba maghmula fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fuq ammissjoni tal-konvenut, tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur kif maghmula fir-rikors, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------